MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2010

Numru 7/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Yanez Pinon Miguel Angel**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 7 tas-sena 2008 kontra l-akkuzat Yanez Pinon Miguel Angel, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f'Settembru tas- sena elfejn u sitta (2006), u fix-xhur ta' qabel, l-akkuzat Yanez Pinon Miguel Angel ddecieda li jibda illegalment jmexxi w jittraffika fid-drogi. Angel iltaqa' ma certu Guljermo Memo w bejniethom ftehemu li jigi lejn Malta mill-Messiku b'bagalja bid-droga mohbija f'qiegh falz. Kif jasal Malta, dan kellu jmur jikkonsenja d-droga ghand persuni ohra gewwa Malta. Illi dan l-agir kien ser jkollu effett kbir negattiv fuq is-socjeta' Maltija.

In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, fl-10 ta' Settembru ta' dik is-sena, Yanez Pinon Miguel Angel telaq mill-Messiku w wasal Malta tramite *connecting flight* minn Amsterdam fuq titjira KM 395 l-ghada fil-11 ta' Settembru bid-droga kokajina mohbija fil-qiegh falz tal- bagalja. Fortunatament ufficjali tad-Dwana stazzjonati fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta waqqfu lill-akkuzat u, waqt *search* kondott fuq hwejjgu, nstabu fl-imsemmija bagalja kwazi kilo u nofs tad-droga kokajina, liema droga tiswa izjed minn mija, disa u ghoxrin elf, hames mija u disa Euro (€129,509).

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Yanez Pinon Miguel Angel sar hati talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromowova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq msemmi, akkuza lill- imsemmi Yanez Pinon Miguel Angel hati talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibigh jew jittraffika medicina f'dawn il-Gzejjer (kokajina) kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija w disgha u ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija w sittax-il elf, erba' mija w tmienja w sittin euro w sebgha w sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern

tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 4(a) tar- Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi f'xi zmien qabel il- 11 ta' Settembru elfejn u sitta (2006) l-akkuzat Yanez Pinon Miguel Angel ltaqa' ma' persuni ohra w bejniethom ftehemu li l-akkuzat jimporta klandestinament f'Malta kwantita' tad-droga kokajina sabiex ibieghha w jittrafikaha f'Malta. Di fatti huma ftehemu li Angel jigi lejn Malta mill-Messiku b'bagalja bid-droga mohbija f'qiegh falz.

In esekuzzjoni ta' dan il-pjan mahsub minn qabel, f1-10 ta' Settembru ta' dik is-sena, Yanez Pinon Miguel Angel telaq mill-Messiku w wasal Malta tramite *connecting* flight minn Amsterdam fuq titjira KM 395 l-ghada fl-11 ta' Settembru bid-droga kokajina xjentement mohbija fil- qiegh falz tal-bagalja. Kif dan l-ajruplan wasal Malta, w l-akkuzat nizel l-art, hu w ghaddej mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ufficjali tad-Dwana stazzjonati hemmhekk waqqfuh u, waqt *search* kondott fuq hwejjgu, nstabu fl-imsemmija bagalja kwazi kilo u nofs tad-droga kokajina, liema droga tiswa izjed minn mija, disa u ghoxrin elf, hames mija u disa Euro (€129,509).

Illi ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l- Ordinanza dwar Medicni Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad- droga perikoluza msemmija.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Yanez Pinon Miguel Angel sar hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad- disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w cioe' meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Yanez Pinon Miguel Angel talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w cioe' meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija w sittax-il elf, erba' mija w tmienja w sittin euro w sebgha w sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2,9,10(1),12,14,15A,20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi, fiz-zmien u fic- cirkostanzi ndikati fl-ewwel u fit-tieni kap ta' dan l-att ta' l-akkuza, u cioe' fil-lejl ta' bejn il-11 u 12 ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006), Yanez Pinon Miguel Angel wasal Malta w kellu fil-pussess xjenti tieghu illegalment kwazi kilo u nofs kokajina li ma kienitx ghal uzu esklussiv tieghu w liema sustanza

ghandha l-valur ta’ l-fuq minn mija, disa u ghoxrin elf, hames mija u disa Euro (€129,509). Din id-droga kienet intiza biex tigi kkonsenjata mill-akkuzat ghand persuni ohra gewwa Malta biex tigi ttrafikata f’Malta bi profit kbir.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi.

Illi b’ghemilu, l-imsemmi Yanez Pinon Miguel Angel sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill- Ministru responsabbli, w ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorita’ moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Yanez Pinon Miguel Angel talli kellu fil-pussess tieghu d- droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad- Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-

droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir- Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn inqas minn elfejn u tliet mija u disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija w sittax-il elf, erba' mija u tmienja w sittin euro w sebgha w sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jinqtal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id- Drogi Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta' l-1939) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il- ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-Nota tal-akkuzat li biha ddikjara li ser jammetti l-akkuzzi kollha dedotti kontra tieghu;

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil Yanez Pinon Miguel Angel hati talli
1. f'xi zmien qabel il-11 ta' Settembru, 2006, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-

Gzejjer sabiex ibigh jew jittraffika medicina (kokajina) f'dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni, w dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

2. fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Settembru, 2006, importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w cioe' meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida, w dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

3. fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Settembru, 2006, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, w dana skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

Semghet ix-xhieda ta' l-Ispettur Norbert Ciappara imsejjah mid-difiza li xehed illi gurnata qabel ma gie arrestat il-hati, kien gie arrestat ukoll certu Enrique Martinez Burgoa, li kien qed igib l-istess tip ta' droga mill-istess sors u, bhala rizultat tal-informazzjoni li ta dan Burgoa, kienu gew arrestati zewg persuni ohra w il-Pulizija skopriet ukoll li l-ghada kellu jasal Malta il-hati odjern b'konsenja ohra simili. Il-Pulizija kienet ghamlet ukoll konfront bejn Burgoa w il-hati imma l-hati ma kien jaf xejn aktar li seta' jwassal ghal xi arrest ta' xi persuni w ghalkemm kien qal li vuci ta' xi persuna li hu kien sema fil-"lock up" tal-Pulizija kienet tixbah li dik ta' persuna li kienet kellmitu fuq il-mobile phone, din l-informazzjoni ma kienet ta' ebda uzu ghall-

Pulizija. Ghalhekk il-hati ma kienx intitolat li jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Malcolm Mifsud li jinsabu registrati w senjatament :

1. l-akkuzat kien ikkoopera mal-Pulizija;
2. kellu fedina penali netta;
3. kien irregistra ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri;
4. peress illi Burgoa, li kien inqabad lejliet, kien ga ta l-informazzjoni kollha lill-Pulizija w hu gie arrestat malli nizel l-airport u ma kellux l-opportunita' li jiltaqa' mal-persuni f'Malta li kienu ser jircievu l-konsenja tad-droga li kien qed jimporta hu, ma setax jibbenefika mill-artikolu 29.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Nadine Sant w senjatament:

1. li ghalkemm il-kaz ta' **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Enrique Martinez Burgoa"** [17/01/2008]) kien identiku ghall-kaz tal-hati odjern, Burgoa kien ibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101;
2. li f'dan il-kaz l-ammissjoni ma kienitx wahda bikrija ghax ma saritx fi stadju tal-ewwel appuntament quddiem din il-Qorti li kien sar fis-27 t'Ottubru, 2008;
3. illi l-fatt li kellu kondotta netta f'Malta ma kienx ta' rilevanza ghax din kienet l-ewwel darba li wasal Malta w gie arrestat l-airport u ghalhekk il-fedina penali tieghu ma setghetx tkun imcappsa;
4. illi l-hati ma setax jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 ghax sal-lum baqghu mhux maghrufa l-konsenjatarji w destinatarji tad-droga li mporta l-hati;
5. ghalhekk il-piena kellha tkun akbar minn dik ta' Burgoa.

Ikkonsidrat;

Illi r-reati taht l-ewwel zewg kapi tal-att ta' l-akkuza, ghall-fini tal-piena, huma assorbiti fir-reat taht it-tielet kap stante li servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat ta' pussess aggravat taht dan it-tielet kap a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-**

**Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn) kif ukoll ghax bejn it-tieni w it-tielet kap hemm il-konkors formali jew ideali.

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hati, la saret waqt il-kumpilazzjoni w lanqas saret fl-ewwel appuntament tal-kawza quddiem din il-Qorti fis-27 t'Ottubru, 2008 – appuntament li sar specifikatament biex il-Qorti tara jekk il-kawza kienetx se tkun kontestata jew ammessa w dak inhar id-difensur tal-hati infurmat lill-Qorti li l-kawza kienet se tkun wahda kontestata

Qieset ukoll li ghalkemm il-kondotta tal-hati f'Malta kienet wahda incensurata, kif gustament osservat l-abbli prosekutur, ma setghetx tkun hlief hekk billi l-hati gie arrestat l-ajruport mal-ewwel wasla tieghu f'Malta.

Il-Qorti pero' trid tosserva li mill-ezami tas-sentenza ta' **Burgoa** ma jirrizultax li dan kien ibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101, kif issottomettiet l-abbli prosekutur.

Il-Qorti terga' ttenni li dawn ir-reati ta' importazzjoni ta' droga mill-erbat irjihat tad-dinja ghal go din il-gzira zghira ma jistghux ma jitqisux b'mod gravi mill-Qrati billi qed jimminaw il-fibra morali tas-socjeta' Maltija w partikolarment taz-zghazagh Maltin u Ghawdxin li huma l-aktar vulnerabbli ghal dan l-attakk koncertat minn nies li jpoggu l-arrikkiment personali taghhom il-fuq mill-hajja w mis-sahha ta' tant vittmi tan-negozju nefast taghhom.

Ghalhekk il-Qrati jridu jaghtu messagg car li dawn it-tip ta' reati jridu jsibu l-id iebsa tal-ligi li tistronkhom bl-aktar mod impenjattiv.

Din il-Qorti fl-istess hin qieset sentenzi ohra taghha stess fejn l-ammont ta' droga importata w traffikata kien jikkompara ma' dak tal-kaz odjern u dana biex kemm jista' jkun tinzamm proporzjonalita' bejn sentenza w ohra f'kazijiet simili, fejn ukoll kien hemm ammissjoni.

Ghal dawn il-motivi, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, konformement mad-dispozizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i) u l-proviso (aa) tal-Kap.101, u senjatament il-kwantita' tal-medicina w ix-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reati u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni qabel il-formazzjoni tal-guri, izda mhux wahda bikrija ta' reati simili w fejn il-kwantita' tad-drogi kienet piu' o meno simili ghal dik involuta f'dan il-kaz, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa),(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regoli 4(a) u 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) w l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati**, Yanez Pinon Miguel Angel,** ghall-piena ta' tlettax (13) il-sena prigunerija w ghall-multa ta' tletin elf Ewro (€ 30,000), li, jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija ulterjuri ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija skond il-ligi, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' elf, mija w tmienja w disghin Euro w wiehed u ghoxrin Euro centezmi (€1898.21), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-

Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------